MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 876/2004/1

**John Grima**

**v.**

**Victor u Doris konjugi Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

“Peress illi l-attur kien silef lill-konvenut fit-18 ta’ Gunju 2003, is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000.-) (Dok.’A’, kopja tal-iskrittura bejn il-partijiet), u kellu jithallas lura fit-2 ta’ Lulju 2003.

"Peress illi l-konvenut kien interpellat biex dina s-somma, vera, certa, likwida u dovuta jhallasha, permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2004, u baqa' inadempjenti.

"Peress illi dan il-kreditu tal-attur jikkwalifika biex jinstemgha ai termini tal-Artikolu 167 u jigi trattat bil-procedura sommarja specjali.

"Jghid ghaldaqstant il-konvenut ilghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti: 1) tisma' u titratta l-kawza bi procedura sommarja specjali ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura; 2) tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur bl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000-); 3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm22,000,- tnejn u ghoxrin elf lira Maltin.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2004, u l-imghaxijiet skond il-ligi, mid-data tal-31 ta' Mejju 2004 kontra l-konvenut issa ngunt in subizzjoni."

Rat li b'digriet moghti fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2004, il-konvenuti inghataw il-fakolta` jikkontestaw il-kawza u inghataw ghoxrin jum zmien biex jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew;
"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi kull ammont ta' flus li seta talvolta kien dovut mill-konvenuti lill-attur gja thallas.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
"Filwaqt li **tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-imharrkin mizzewgin Borg, bhala mhix fondata fil-fatt u fid-dritt;

"**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba attrici** u dan fid-dawl tad-digriet taghha tal-14 ta' Dicembru, 2004;

"**Tilqa' t-tieni talba attrici** u tiddikjara li l-imharrkin huma debituri tal-attur fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltija (Lm22,000), u tikkundannahom ghalhekk li jhallsuh l-imsemmija somma b'effett mill-31 ta' Mejju, 2004, sal-jum tal-hlas effettiv; u

"Tordna wkoll li l-imharrkin ihallsu **l-ispejjez tal-kawza.**"

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;
"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu li l-imħarrek kien stqarr b'kitba ffirmata minnu li għandu jrodd lura lill-attur;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qegħdin jisħqu li kulma kellu jirċievi l-attur, jinsab imħallas;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li għall-ħabta ta' Ġunju tal-2003, saret kitba[1] li fiha l-imħarrek iddikjara li kellu dejn mal-attur fis-somma ta' LM22,000, u li dan id-dejn kellu jaqtgħu fi flus kontanti sat-2 ta' Lulju. Kien hemm imsemmi wkoll li, jekk kemm-il darba d-dejn ma jinqatax sa dik id-data, kellha titħallas penali għal kull jum ta' dewmien. L-ammont tal-penali ma ssemmiex. Id-dikjarazzjoni ġġib il-firma biss tal-imħarrek. F'Mejju tal-2004, l-attur bagħat ittra uffiċjali jitlob il-ħlas. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-2004;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jorbtu l-każ, jidher li din il-kwestjoni ddur kollha mal-linja ta' difiża li ħadu l-imħarrkin. Il-linja tagħhom hija li l-attur jinsab imħallas kulma kellu jieħu. Din il-linja difensjonali minnufih iġġib magħha żewġ effetti: l-ewwel waħda hija li hemm qbil li tassew kien hemm l-obbligazzjoni tal-ħlas, u t-tieni waħda hi li jaqa' fuq l-imħarrkin li juru b'mod xieraq li dak li kellu jieħu l-attur tassew tħallas. Minħabba f'hekk, il-Qorti qalbet l-ordni tal-provi;

"Illi l-eċċezzjoni tal-ħlas (l-*exceptio soluti*) hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jilqa' għat-talba għall-eżekuzzjoni ta' dik l-istess

[1] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess

obbligazzjoni min-naħa tal-kreditur. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[2] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[3]. Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[4] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, iġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[5]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;

"Illi l-imħarrek jaqbel li l-firma fuq id-dokument imressaq mill-attur hija tiegħu u li d-dokument kien iffirmah fid-dar tal-attur meta kien imressaq quddiemu miktub u lest. Iddikjara li huwa jaf jaqra u li l-karta qraha qabel iffirmaha. Ma qanqal l-ebda kwestjoni dwar il-fatt li huwa kien iddikjara li f'xi żmien kellu jagħti lill-attur is-somma mitluba fiċ-Ċitazzjoni. Kemm hu hekk, xehed li s-somma kien tahielu l-attur f'daqqa fi flus kontanti għaliex kien ried jgħaddihom lil ħaddieħor li kien talbu (jiġifieri lill-imħarrek) biex jislifhomlu. Jgħid iżda[6] li, għalkemm b'xi dewmien, huwa ħallas lill-attur mhux biss is-somma li kien għaddhielu, imma magħhom xi tlitt elef lira oħrajn. Dan jgħid li għamlu f'erba' ħlasijiet fuq medda ta' żmien;

"Illi l-attur jaqbel li huwa kien jaf lill-imħarrek, u jżid jgħid[7] li qabel is-self mertu ta' din il-kawża, lill-imħarrek kien għaddielu somom oħrajn (uħud minnhom konsistenti), iżda l-imħarrek dejjem raddhomlu lura flimkien mal-imgħaxijiet bla taħbit ta' xejn. Fil-każ tas-self mertu tal-kawża, inqalgħu l-problemi u l-imħarrek ma wasalx biex iħallsu sal-jum miftiehem, u meta kienu jiltaqgħu u

---

[2] Art. 1147(1) tal-Kap 16
[3] Art. 1146 tal-Kap 16
[4] Art. 1145(a) tal-Kap 16
[5] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**
[6] Xhieda tiegħu 20.10.2005, f'paġġ. 21-3 tal-proċess
[7] Xhieda tiegħu 28.3.2006, f'paġġ. 26-8 tal-proċess

jistaqsih x'se' jiġri, l-imħarrek kien joħloq skużi u, fl-istess waqt, jaċċertah li l-ħlas ser isir. Saħansitra l-attur kien irċieva telefonata mingħand barrani (li, skond l-imħarrek, kien il-persuna li lilhom għadda t-Lm 22,000) li qallu biex ma jħabbilx rasu għall-ħlas[8]. L-attur jgħid li hu kien jagħraf biss lill-imħarrek u mhux lil min dan kien ikun għadda l-flus li jkun silfu l-attur;

"Illi l-imħarrek ma ressaq l-ebda riċevuta li turi l-ħlas li qal li wettaq. Qal li ma setax jagħmel dan, għaliex l-attur irifjuta li joħroġlu riċevuta minħabba li baqa' jinsisti li l-imħarrek iħallsu wkoll xi mgħaxijiet u kummissjoni. Meta sarlu l-kontro-eżami, l-imħarrek fisser in-nuqqas ta' insistenza tiegħu mal-attur biex iħallilu riċevuta billi qal li huwa "bniedem illi nafda fuq il-ħbiberija u ma ppretendejtx li se jiġri hekk bejn il-ħbieb" u wkoll li "jiena lill-attur afdajtu dejjem". L-irċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[9];

"Illi l-Qorti ma tinsab konvinta xejn mill-verżjoni mogħtija mill-imħarrek, għaliex tixhed nuqqas kbir ta' għaqal u, fuq kollox, tmieri l-verżjoni nnifisha tax-xhud dwar kemm fil-fatt ħallas lura lill-attur. Ma jagħmilx sens li l-imħarrek jgħid li kien ħallas lill-attur tlitt elef lira aktar milli ssellef u mbagħad jgħid li l-attur irrifjuta li jagħtih riċevuta għaliex kien qed jippretendi l-ħlas ta' imgħax u kummissjoni. L-imħarrek kien f'qagħda aktar b'saħħitha mill-attur li, qabel ma jitlaq il-flus minn idejh, jisħaq li tingħatalu riċevuta, mqar waħda, ta' dak li kien diġa' suppost ħallas qabel. Bl-allegazzjoni tiegħu li huwa ħallas kollox, ma toħroġx dik il-prova alternativa (għall-wiri tar-riċevuta) li kien mistenni minnu biex jikkonvinċi lill-Qorti li tassew hu kien għalaq il-kontijiet tiegħu mal-attur;

"Illi jekk ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, wieħed iżid ix-xhieda mogħtija mill-attur (li l-imħarrkin ma jseħħilhomx iwaqqgħuha lanqas fil-kontro-eżami tiegħu) fis-sens li l-arranġamenti kienu dejjem li l-ħlas isir f'daqqa u l-karta

[8] Kontro-eżami tal-attur, f'paġ. 30 tal-proċess

[9] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**)

titqatta`, allura l-Qorti aktar għandha għaliex taħseb li l-fatt li l-karta għadha fl-idejn (u d-dokument fil-fatt intwera lill-Qorti u lill-avukat tal-imħarrkin) u li l-imħarrek kien jingħata wkoll kopja tagħha, juru li d-debitu ma ġiex saldat;

"Illi l-għaref difensur tal-imħarrkin ressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti s-sottomissjoni li d-debitur veru tal-attur hija l-persuna li lilha ingħaddew il-flus mingħand l-imħarrek. Il-Qorti ma tistax tilqa` din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok, il-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu iffirmaha l-imħarrek. Fit-tieni lok, għalkemm xi persuna barranija ċemplet lill-attur biex isserraħlu rasu li l-ħlas sejjer jirċevih, l-attur baqa' dejjem jisħaq li hu kien jagħraf bħala debitur tiegħu lill-imħarrek u dan fuq il-bażi tal-ħbiberija li kellhom maż-żmien u għaliex kien jaf li l-imħarrek għandu ġid biżżejjed biex jagħmel tajjeb. Fit-tielet lok, il-fatt li terz jagħti assigurazzjonijiet dwar il-ħlas ta' kreditu, ma jġibx lil dik il-persuna debitur tal-obbligazzjoni ewlenija, għaliex huwa magħruf li obbligazzjoni tista` tintemm ukoll bi ħlas minn terza persuna li ma jkollha l-ebda interess fl-obbligazzjoni u li tkun trid biss li teħles lid-debitur mir-rabta[10]. F'każ bħal dan, dik it-terza persuna ma ssirx hi d-debitur: id-debitur jibqa' dak li kien;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi dina l-Qorti;
"Joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi billi tichad it-talbiet attrici *in toto*, u tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onor. Qorti jidhrulha xierqa bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-appellat John Grima li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ic-cahda tal-appell tal-konvenuti u l-konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-appllanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

[10] Art. 1148(2) tal-Kap 16

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza intiza ghall-hlas ta’ kreditu li l-konvenut irrikonoxxa fuq skrittura privata li saret ghall-habta ta’ Gunju 2003. Il-hlas lura kellu jsir fi flus kontanti sat-2 ta’ Lulju, 2003, u fin-nuqqas ta’ pagament fit-terminu indikat, il-konvenut ikun passibbli ghad-danni.

L-unika eccezzjoni mressqa kienet dik ta’ hlas, cioe`, li l-attur ma kienx intitolat li jikkanonizza l-pretiz kreditu tieghu, peress li kien gia` gie imhallas dak kollu dovut. Dina hija l-unika eccezzjoni sollevata, u l-argumenti tal-konvenuti dwar il-validita` tal-iskrittura mressqa quddiem din il-Qorti ma jistghux proprjament jigu mistharga peress li l-validita` ta’ dik l-iskrittura ma giet ikkontestata fl-ebda stadju quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti, fil-fatt, ittrattat u ddecidiet il-kawza fit-termini tal-unika eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u wara li osservat li l-konvenuti ma rrnexxilhomx jippruvaw il-pagament, ghaddiet billi laqghet it-talbiet tal-attur.

Il-konvenuti appellaw u fir-rikors tal-appell taghhom insistew biss fuq il-fatt li, skond huma, kienu ghamlu l-prova tal-hlas. Waqt it-trattazzjoni orali tal-appell, il-konvenuti osservaw ulterjorment li la darba l-iskrittura hija nulla b’mod assolut, l-ewwel Qorti kellha *di sua sponte* tissolleva din il-kwistjoni; la darba dik il-Qorti ma ghamlitx dan u baqghet ghaddejja bis-smigh tal-kaz, kollox hu null ghax “dak li huwa null *ab initio,* huwa null ghall-atti kollha li jsegwu u huma konsegwenzjali u sussegwenzjali ghal dak l-att originali li jkun gia` null”.

Ai fini ta’ din il-kawza, dan l-argument ma jreggix. L-allegata nullita` tal-iskrittura hija bbazata fuq il-fatt li mart il-konvenut ma ffirmatx l-istess dokument u la darba dik l-iskrittura ma saretx in konnessjoni max-xoghol tal-konvenut il-firma tal-mara kienet mehtiega *ad validitatem*. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Spiteri et v. Mangion et”, deciza fit-3 ta’ Ottubru, 2001, meta jkun kaz ta’ obbligazzjoni assunta minn parti

wahda fi zwieg fejn topera l-komunjoni tal-akkwisti, dik l-obbligazzjoni ma tkunx nulla, izda biss annullabbli fuq istanza tal-mara, u dan fit-termini tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili. Sakemm il-mara ma tipprocedix biex thassar l-iskrittura li turi l-obbligazzjoni, l-istess titqies valida u enforzabbli. Kif kompliet tghid din il-Qorti fil-kawza “Bugeja v. Micallef”, deciza fis-27 ta’ Gunju, 2003, kull att maghmul fi-zwieg minn wiehed mill-konjugi, anke jekk hu att ta’ amministrazzjoni straodinarja, jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm-il-darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-Qorti dwar in-nullita` ta’ dak l-att (ara ukoll fl-istess sens il-kawza “Portelli v. Cassola”, deciza mill-Prima Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ April, 2004, u l-kawza “Montebello Enterprises Ltd v. Cutajar”, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Jannar 2007).

La darba allura, l-iskrittura mhiex nulla *ab initio*, u l-konvenuti, f’dak l-istadju, ma ssollevaw xejn dwar il-validita` taghha, ghamlet sew l-ewwel Qorti li baqghet tisma’ l-kaz u qieset l-istess skrittura valida u enforzabbli.

Kwalunkwe kummenti ohra, waqt it-trattazzjoni orali tal-appell, li l-iskrittura tista qed tahbi hlas ta’ imghax bl-uzura, ma jistghux, f’dan l-istadju, jittiehdu bis-serjeta`, meta l-konvenut, tul il-kwazi sentejn li l-kawza damet tinstema’ quddiem l-ewwel Qorti, qatt ma semma’ li l-iskrittura li timmanifesta d-debitu hi vizzjata bl-uzura u f’ebda stadju ma eccepixxa li l-istess skrittura hija invalida ghal dik ir-raguni. Meta xehed qal li hu hallas id-dejn manifest fuq l-iskrittura, izda l-attur ried xi Lm40,000 ohra. Hija din it-talba, mhux konfermata mill-attur, li forsi, setghet titqies bhala uzura, izda l-ewwel Qorti ma kellhiex talba in konnessjoni ma din l-allegata somma; il-konvenut la hallas din is-somma u l-attur lanqas talabha. Dak li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u issa anke dina l-Qorti, hija l-iskrittura ta’ Gunju, 2003, u imkien ma gie sostnut li dik l-iskrittura tikkonjeni uzura.

Ghar-rigward tal-meritu, kif inghad, il-konvenuti eccepew il-hlas, allegazzjoni li, skond l-ewwel Qorti, ma gietx sostnuta. Il-kwistjoni iddur fuq il-kredibilita` tal-partijiet involuti, u meta tkun kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi,

bil-mod biex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament specjalment meta l-ewwel Qorti tkun semghet il-partijiet interessati hi stess *viva voce*. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "Borg Barthet v. Carnik Constructions limited", deciza fit-13 ta' Ottubru, ta' din l-istess sena;

"Dwar dan l-ahhar imsemmi punt, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li ssottomettiet is-socjeta` appellanti. Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'*body language*' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda. Infatti din il-pozizzjoni vantaggjata tal-gudikant tal-Prim Istanza hija precizament wahda mir-ragunijiet principali ghaliex din il-Qorti ta' l-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mil-Qorti ta' l-ewwel istanza jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Bhala norma, din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti biss jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat, b'mod li jekk jithalla jibqa' jregi tkun sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew ohra."

Effetivament, fid-dawl ta' dan il-principju li gie kemm-il-darba affermat fil-gurisprudenza taghna, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha akkwiziti fil-process – fil-verita` mhux daqshekk voluminuzi - u waslet ghall-istess konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, u cioe`, li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw il-pagament minnhom allegat. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Cini v. Camilleri", deciza fit-28 ta' Lulju, 1982;

*"dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi "la prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie konstantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur."*

(ara ukoll "Von Brockdorff Insurance Agency Ltd v. Visa Travel Ltd", deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2007)

Intqal ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Darmanin v. Muscat", deciza fit-23 ta' Frar, 1965, illi;

*"Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx (kollez vol. XXXII.I.535) jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt."*

Anke f'dan il-kaz, ircevuti tal-allegat hlassijiet ma gewx prodotti, u l-fatt li l-iskrittura originali ma gietx distrutta (tant li giet murija lill-ewwel Qorti) jimmilita kontra l-hlas meta wiehed qies li, kif jghid l-attur (mhux kontradett), hu gieli silef flus ohra lill-konvenut u l-arrangament kien li meta jissalda l-pendenza, l-iskrittura relattiva titqatta'.

Mill-provi jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut ha flus minghand l-attur, u dejjem raddhom lura. Din id-darba ried il-flus ghall-"klient" tieghu li kienet persuna Gharbija. Din il-persuna, kif jammetti l-istess

attur, ghadha ma halsitux lura u m'hijiex qieghda Malta. Ghalkemm il-konvenut mhux qalbu maqtugha li din il-persuna tirritorna lura Malta u tirrifondilu l-flus, din ic-cirkostanza wkoll timmilita kontra l-allegazzjoni li sar hlas lill-attur.

Kollox ma kollox din il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u sejra, ghalhekk, tikkonferma is-sentenza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu wkoll mill-konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------